# IŻ-ŻRINĠ

*minn A E Baldacchino*

IŻ-ŻRINĠ
Painted Frog
*Discoglossus pictus*




Minn qatt ma ra jew sema' biż-Żrinġ. Dan huwa l-uniku speċi ta' żrinġ li nsibu hawn Malta: twil madwar 6-7 ċentimetri. Il-kulur tiegħu ivarja ħafna: ġieli nintaqgħu ma' żrinġijiet kemmxejn griżi, jew kulur iż-żebbuġa. Ġieli jkun safrani jew kannelli u xi kultant ikun ukoll ħamrani fuq id-dahar. Kollha jkollhom dbabar aktar skuri b'burdura ċara mad-dawra. Minn taħt iż-zrinġ huwa abjad b'xi tikek kannella kultant. Ta' spiss nintaqgħu miegħu kull fejn insibu l-ilma: kemm ilma qiegħed kif ukoll dak ġieri. Iħobb joqgħod fl-ilma baxx ta' l-għadajjar, fin-nixxigħat jew fil-ġibjuni. Mhux darba jew tnejn jidher qiegħed b'rasu biss barra mill-ilma. Ħarsa aktar viċin turina l-karatteristiċi taż-żrinġ li għandna hawn Malta: ħabba ta' għajn li tkun aktarx tonda jew triangulari iżda qatt orizzontali. Fil-waqt li speċi ta' żrinġijiet oħra jkollhom it-tambur tal-widna jidher, dak taż-żrinġ tagħna ma tantx jgħati fil-għajn.

Ma l-ewwel bexxa xita, wara li l-widien u l-għadajjar jintlew bl-ilma, iż-żrinġijiet joħorgu mill-postijiet umda fejn ikunu rtiraw għar-'raqda' tas-sajf, u jersqu viċin l-ilma. Ħawnhekk iż-żrinġ isib is-sieħba li wara tbid fl-ilma viċin l-1000 bajda zgħar, waħda, waħda. Il-bajd jiġi mwaħħal mal-ħaxix fl-ilma jew inkella jintelaq biex jifforma saff fil-qiegħ ta' l-għadira. Kull bajda tkun imdawwra f'boċċa 'jelly'. Din tikber għall-madwar 3-4 millimetri wara li tagħmel xi ġurnata jew tnejn fl-ilma.

Minn dawn il-bajd ifaqqsu l-marżep (tadpoles) li jikber sa madwar 3.5 ċentimetri b'denb twil darba u nofs daqs ġisem il-marżep. Dawn jgħixu l-ħajja qasira kollha tagħhom fl-ilma fejn bil-mod il-mod jinbidlu fi żrinġijiet zgħar. L-ewwel itellgħu saqajhom ta' wara u mbgħad is-saqajn ta' quddiem u fl-istess ħin jibdew jitilfu denbhom. Wara li l-marżep kollha jitbidlu fi żrinġijiet, għall-darb'oħra iż-żrinġijiet ix-xjuħ jerggħu isibu sieħba li terġa tbid kultana bajd oħra.

U hekk meta l-kampanja Maltija tinħasel bl-ilma tax-xita li jfawwar l-għadajjar u l-widien, iż-żrinġijiet jimlew dawn l-irqajja ta' ilma biż-żgħar tagħhom. Iżda mal-wasla tal-marżep fil-kampanja Maltija, jaslu wkoll dawk il-gruppi ta' tfal bil-koppijiet u l-vażetti biex jaqbdu dawn il-marżep u ż-żrinġijiet. Xi minn daqqiet dawn il-gruppi jkunu akkumpanjati minn nies kbar li suppost li jafu aħjar li ż-żrinġijiet u l-marżep mhux posthom fil-vażetti fejn imutu wara ftit tal-granet. Għalkemm iż-żrinġ mhux daqshekk rari, xorta waħda dan ma jiġġustifikax il-qbid tiegħu mil-kampanja Maltija. Bħal f'kull qasam ieħor, m'hemmx apprezzament ta' dan il-wirt naturali. Hemm bżonn ta' aktar edukazzjoni biex anke ż-żrinġ jiġi apprezzat aħjar ħalli jkun jista' jgħix ħieles fil-kampanja Maltija. Dan l-apprezzament jista' jsir permezz ta' studju u osservazzjoni u b'hekk iż-żrinġ jista' jitħalla ħieles biex ikompli joktor u jżomm postu fl-ambjent naturali Malti. ●



AN MOS PUBLICATION
PO BOX 498 VALLETTA MALTA